MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 206/2010

**Rikors Numru 206/2010 SM**

**Paul Micallef**

**(I.D. 396757 M)**

**vs.**

**Korporazzjoni EneMalta u b'digriet tal-qorti**

**Datat id-29 ta' Jannar, 2015, ordnat**

**Is-sostituzzjoni tal-isem tal-Korporazzjoni**

**EneMalta jigi mibdul ghal EneMalta p.l.c.**

**(C – 65836)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-19 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti Paul Micallef sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fit-13 ta' Jannar, 2010, hu gie notifikat b'ittra ufficjali datata t-8 ta' Jannar, 2010;

1.2. Illi qieghed jopponi ghat-talba kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali, u dan, *a tenur* ta' l-artiklu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.3. Illi r-rikorrenti m'ghandux jaghti is-somma mitluba mis-socjeta` rikorrenti;

1.4. Illi l-ammonti pretizi huma preskritti *ai termini* ta' l-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili, *stante* li ilhom dovuti aktar minn hames (5) snin;

2.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata l-25 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-ammont indikat fl-ittra ufficjali datata t-8 ta' Jannar, 2009, (*recte* 2010), (ara foll 7), hu dovut fl-interezza tieghu;

2.2. Illi wara spezzjoni fil-fond "*Sim's Self Service*", Triq Ghajn Kajjet, ir-Rabat, fid-29 t'Ottubru, 2005, irrizulta li l-arlogg tad-dawl registrat fuq isem Paul Micallef kien imbaghbas b'mod li effetwa r-registrazzjoni tal-kurrent tad-dawl;

2.3. Illi ghalhekk l-elletriku kkunsmat mill-istess arlogg ma kienx qed jigi registrat kolu kif dovut;

2.4. Illi dan it-tbaghbis kien volontarju u espressament intiz biex jirregistra konsum anqas minn dak attwalment ikkunsmat, u ghalhekk jithallas ammont anqas minn dak verament dovut;

2.5. Illi l-ammont ikkunsmat mir-rikorrenti u mhux ghalhekk imhallas minnu jammonta ghal tmintax -il elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€18,678.62);

2.6. Illi l-allegazzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti mhix korretta *stante* li l-ammont dovut jirrapprezenta kurrent elettriku misruq, u allura mhux suggett ghall-preskrizzjoni *a tenur* ta' l-artiklu 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.7. Illi anke jekk tapplika l-preskrizzjoni, din ghandha tibda tghaddi mid-29 t'Ottubru, 2005, meta saret l-ispezzjoni *de quo* u gie zvelat il-qerq in dizamina;

2.8. Illi konsegwentement titlob din il-qorti biex:

2.8.1. Tichad it-talba tar-rikorrenti;

2.8.2. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

2.8.3. Tiddikjara lir-rikorrenti bhala debitur tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' tmintax il-elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€18,678.62);

2.8.4. Tikkundannah ihallas l-istess ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

3.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 ta' Gunju, 2010, fejn ghar-ragunijiet hemm esposti, ddekretat: (ara foll 23 u 24);

3.1. Illi r-rikorrenti m'ghandux ragun jghid li l-azzjoni hi preskritta;

3.2. Illi tichad ir-rikors;

3.3. Illi l-ispejjez gudizzjarji huma kontra r-rikorrenti;

4.0. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat il-21 ta' Gunju, 2010, li ghar-ragunijiet hemm indikati talab li din il-qorti: (ara foll 26)

4.1. Tirrevoka d-digriet taghha tal-15 ta' Gunju, 2010, *contrario imperio*;

4.2. Tirriappunta l-istess rikors promotur ghas-smigh fuq il-mertu; u

4.3. Sussegwentement tghaddi ghal digriet finali;

5.0. Rat id-digriet sussegwenti ta' l-istess qorti diversament preseduta fir-rigward li permezz tieghu, (ara foll 38), wara li rat ir-risposta tas-socjeta` intimat, (ara foll 31):

5.1. Irrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha tal-15 ta' Gunju, 2010, (ara paragrafu numru tlieta (3.), aktar qabel);

5.2. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh fuq il-mertu ghad-data hemm ukoll indikata;

6.0. Rat id-digriet taghha datat is-27 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu: (ara foll 41)

6.1. Awtorizzat li ssir trattazzjoni fuq il-kwistjonijiet ta' natura preliminari hemm sollevati;

6.2. Illi ssir trattazzjoni kemm skritta kif ukoll orali bil-modalita` u fit-termini hemm indikati;

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fir-rigward datata t-30 ta' Novembru, 2011, (ara foll 44), flimkien ma' dik tas-socjeta` intimata datata l-15 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 46);

8. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu ddifferiet il-kawza ghas-sentenza rigwardanti l-preskrizzjoni, (ara foll 52);

9.0. Rat is-sentenza preliminari datata l-10 ta' Mejju, 2012, li ghar-ragunijiet hemm moghtija:

9.1. Irrispingiet l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni;

9.2. Ordnat il-prosegwiment tal-procedura fuq il-mertu;

9.3. Irrizervat li tipprovdi fuq l-ispejjez fi stadju meta tiddeciedi l-vertenza odjerna b'mod definittiv;

10. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-mertu tal-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 173);

11. Rat d-digriet sussegwenti taghha datat il-25 ta' Gunju, 2014, wara talba esplicita ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, estendiet it-termini precedentement imposti, (ara foll 174);

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata EneMalta p.l.c. datata l-14 t'Ottubru, 2014, (ara foll 176);

13. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ohra ta' l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat lill-istess biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kif hemm indikat, (ara foll 181);

14. Tirrileva li *nonostante* l-estensjonijiet fuq riferiti, l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti naqqsu li jottemporaw ruhhom fir-rigward;

15. Semghet ix-xhieda prodotta;

16. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

17. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 182);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi tenut kont tal-provi sottomessi in atti, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

18.1. Illi f'dan l-istadju l-procedura odjerna hi issa limitata ghall-epurazzjoni tal-mertu li ta' lok ghall-istess *stante* li din hi originata mill-istess limiti kontenuti fir-rikors promotur senjatament, l-oggezzjoni tar-rikorrenti ghat-talba tas-socjeta` intimata kontenuta fl-ittra ufficjali lilhu indirizzata u datata it-8 to Jannar, 2010;

18.2. Illi ghalhekk permezz ta' din l-ittra ufficjali datata t-8 ta' Jannar, 2010, is-socjeta` intimata, gia` Korporazzjoni EneMalta kienet interpellat lir-rikorrenti Micallef biex ihallasha l-ammont hemm indikat, (ara foll 7), dovut ghall-konsum mhux registrat – ghalhekk misruq – ta' elettriku provdut lilu mill-istess Korporazzjoni fil-fond *"Sim's Self Service"*, Ghajn Kajjiet, ir-Rabat;

18.3. Illi dan is-serq ta' kurrent elettriku mill-fond in dizamina gie skopert meta impjegati tas-socjeta` intimata effettwaw spezzjoni ghall-gharrieda fil-fond *"Sim's Self Service"*, ta' Ghajn Kajjiet, ir-Rabat, liema hanut jinfed ukoll mal-fond "Arzella" fl-istess triq, (ara foll 96);

18.4. Illi in effetti, z-zewg proprjetajiet indikati fil-paragrafu precedenti ghandhom arlogg tad-dawl wiehed, (ara foll 96 u 97);

18.5. Illi minn spezzjoni superficjali ta’ l-istess arlogg dan kien jidher li kien qed jirregistra l-elettriku regolarment u li s-sigilli tieghu kienu intatti;

18.6. Illi pero` minn spezzjoni aktar approfondita, irrizulta li s-sigilli tal-*meter base cover* ta’ kulur blu kienu mbaghbsin, (ara foll 75, 99 u 102);

18.7. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li x-*xhants* tar-*red* u l-*blu phase* kienu wkoll imresqin, (ara foll 75 u 102);

18.8. Illi din il-manumissjoni fl-arlogg tad-dawl tal-fond in dizamina ffalsifikat ir-registrazzjoni tal-elettriku hemm ikkunsmat billi irregistrat ammonti ferm anqas minn dawk attwalment uzati u dan, ghad-detriment mhux biss tas-socjeta` intimata izda wkoll ghad-detriment tac-cittadin onest li indirettament ikollu jaghmel tajjeb ghal dan is-serq mit-taxxi tieghu;

18.9. Illi skont il-persuna responsabbli mir-*revenue section* tas-socjeta` intimata, l-ammont pretiz mill-istess socjeta` ghall-ammont t’elettriku utilizzat mir-rikorrenti izda mhux debitament imhallas minnu kif dovut:

> “... gie mahdum bir-rata tal-*units* kif kienu minn zmien ghal zmien ...”, (ara foll 80);

18.10. Illi effettivament, l-ammont misruq jirrizulta ekwivalenti ghal bejn sittin fil-mija (60%) u sitta u sittin fil-mija, (66%), tal-konsum reali konstatat, (ara foll 106 u 177);

Ikkunsidrat:

19.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi bhala s-sid tal-proprjeta` fejn instab l-arlogg tad-dawl *de quo* il-persuna responsabbli ghall-arlogg in dizamina jirrizulta hu r-rikorrenti, Paul Micallef;

19.2. Illi l-istess arlogg tad-dawl jirrizulta li kien manomess b'certa sengha ghaliex anke l-addetti f'dan ix-xoghol ma' ndunawx mill-ewwel bl-istess manomissjoni, (ara foll 75);

19.3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` intimata jirrifletti t-tariffi uzati fiz-zmien meta sehhew il-fatti in dizamina;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Tirrispingi t-talbiet tar-rikorrenti Paul Micallef;

20.2. Bl-ispejjez gudizzjarji sad an l-istadju tal-procedura kontra r-rikorrenti fuq indikat;

20.3. Illi *stante* li ma tezistix talba rikonvenzjonali skont il-ligi, z-zewg talbiet tas-socjeta` intimata kif indikati fil-paragrafi numru tnejn punt tmienja punt tlieta, (2.8.3.), u tnejn punt tmienja punt erbgha, (2.8.4.) aktar qabel, qed jigu respinti bl-ispejjez fir-rigward kontra l-istess socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------